KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 1.7.2011
KUMM(2011) 422 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**Segwitu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/320UE indirizzata lill-Greċja bil-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-deficit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv**

**(Ġunju 2011)**

## KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

**Segwitu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/320UE indirizzata lill-Greċja bil-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv**

**(Ġunju 2011)**

## 1. DAĦLA

Din il-Komunikazzjoni trimestrali tivvaluta l-miżuri implimentati u ppjanati mill-Greċja sabiex tikkonforma mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/320/UE[1]. L-azzjoni meħuda sal-aħħar tal-2010 kienet ivvalutata fil-Komunikazzjoni ddatata l-24 ta' Frar 2011[2]. Flimkien ma' rapport tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha, imħejji mill-qrib mal-BĊE[3], il-Komunikazzjoni tikkontribwixxi wkoll għall-valutazzjoni tal-konformità mal-MPEF u l-MtF[4], fil-kuntest tal-ftehim tal-faċilità ta' self bejn il-Greċja u l-Istati Membri l-oħra taż-żona euro.

Din il-valutazzjoni hija bbażata fuq ir-rapport ippreżentat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni mill-Greċja[5], u fuq il-missjoni li twettqet mill-persunal tal-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-persunal tal-FMI u l-BĊE fil-kuntest tal-programm ta' aġġustament ekonomiku li qiegħed jiġi ffinanzjat minn self bilaterali mill-Istati Membri taż-żona euro u arranġament ta' riżerva mal-FMI.

## 2. ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAL-10 TA' MEJJU 2010

Fl-10 ta' Mejju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/320/UE, skont l-Artikoli 126(9) u 136 tat-TFUE, indirizzata lill-Greċja bil-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2014.

Minn defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ta' EUR 36 306 miljuni fl-aħħar tal-2009, id-Deċiżjoni tal-Kunsill titlob lill-Greċja tadotta għadd ta' miżuri speċifiċi bil-għan li żżomm id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika taħt il-limiti massimi li ġejjin:

- EUR 18 508 miljuni (8.0 fil-mija tal-PDG, abbażi tal-aħħar dejta dwar il-PDG) fl-2010;

---

1 ĠU L 145, 11.6.2010, p. 6.
2 COM(2011) 85 finali.
3 'Il-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja – Ir-Raba' Analiżi, '*L-Ekonomija Ewropea - Dokumenti Okkazzjonal*i, (2011). Il-qarrej huwa rreferut għal dak id-dokument għal valutazzjoni aktar dettaljata tal-iżviluppi fir-riforma makroekonomika, finanzjarja, fiskali u strutturali.
4 Memorandum ta' Politiki Ekonomiċi u Finanzjarji, u Memorandum ta' Ftehim dwar il-Kundizzjonalità Speċifika tal-Politika Ekonomika tat-3 ta' Mejju, aġġornat fis-23 ta' Frar 2011.
5 '*Il-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja – Rapport ippreżentat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill - Mejju 2011*. Ir-rapport tressaq mill-gvern Grieg fis-17 ta' Ġunju 2011. Jinsab: http://ec.europa.eu/economy_finance/eu/countries/greece_en.htm.

- EUR 17 065 miljuni (7.6 fil-mija tal-PDG, abbażi tal-aħħar previżjonijiet) fl-2011;
- EUR 14 916-il miljun (6.5 fil-mija tal-PDG) fl-2012;
- EUR 11 399 miljun (4.8 fil-mija tal-PDG) fl-2013 u
- - EUR 6 385 miljun (2.6 fil-mija tal-PDG) fl-2014[6].

Id-Deċiżjonijiet jikjarifikaw li d-dħul mill-privatizzazzjoni ma għandux jitqies fl-isforz biex jiġu rispettati l-limiti.

Id-Deċiżjoni tirrikjedi wkoll li ż-żieda annwali fid-dejn gross konsolidat tal-amministrazzjoni pubblika ma taqbiżx:

- EUR 34 058 miljun fl-2010;
- EUR 17 365 miljun fl-2011;
- EUR 15 016 miljun fl-2012;
- EUR 11 599 miljun fl-2013 u
- EUR 7 885 miljun fl-2014[7].

Id-Deċiżjoni kienet emendata fis-7 ta' Settembru 2010 (id-Deċiżjoni 2010/486/UE)[8], fl-20 ta' Diċembru 2010 (id-Deċiżjoni 2011/57/UE)[9] u fis-7 ta' Marzu 2011 (id-Deċiżjoni 2011/257/UE)[10]. Il-limiti massimi msemmija qabel għad-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika u l-bidla annwali fil-livell tad-dejn ma tbidlux.

## 3. Eżekuzzjoni tal-Baġit

### 3.1. 2010

Il-limitu massimu għad-defiċit tal-gvern abbażi tal-ESA għall-2010 nqabeż. Filwaqt li l-livell massimu għad-defiċit kif stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill kien ta' EUR 18 508 biljuni (jew 8.0 fil-mija tal-PDG) għall-2010, id-defiċit reali kien EUR 24 193 biljun (jew 10.5 fil-mija tal-PDG). Il-biċċa l-kbira mid-devjazzjoni mill-mira baġitarja kienet diġà antiċipata fil-komunikazzjonijiet trimestrali preċedenti, u biċċa oħra rriżultat mir-riklassifikazzjoni tal-entitajiet pubbliċi (0.8% tal-PDG).Madankollu, anki d-defiċit reali vvalidat mill-Eurostat[11]

---

6 Dawn il-proporzjonijiet tal-PDG huma indikattivi. Fid-Deċiżjoni tal-Kunsill, il-proporzjonijiet tal-PDG jirreferu għaċ-ċifri nominali tal-PDG li kienu disponibbli f'Mejju: 8.0, 7.6, 6.5, 4.9 u 2.6 fil-mija tal-PDG mill-2010 sal-2014, rispettivament.

7 Meta titqies iċ-ċifra riveduta tad-dejn għall-2010 kif riveduta f'April 2011 u l-aħħar projezzjonijiet nominali tal-PDG, dawn jikkorrispondu għal-limiti li ġejjin għall-proporzjon tad-dejn: 143, 154, 158, 159 u 157 fil-mija tal-PDG mill-2010 sal-2014, rispettivament.

8 ĠU L 241, 14.9.2010, p.12.

9 ĠU L 26, 29.1.2011, p. 15.

10 ĠU L 110, 29.4.2011, p. 26.

11 Stqarrija tal-Aħbarijiet Eurostat Nru 60/2011 tat-26 ta' April 2011.

qabeż l-istimi tal-Kummissjoni għall-Frar 2011[12] b'madwar 1 fil-mija tal-PDG. Id-devjazzjoni mqabbla mal-istimi preċedenti kienet ir-riżultat ta' tnaqqis fid-dħul, bilanċ tas-sigurtà soċjali agħar milli stimat u akkumulazzjoni ta' arretrati ta' pagamenti akbar mill-istimi preċedenti.

Fl-2010 il-proporzjon tad-dejn għal PDG tal-amministrazzjoni pubblika laħaq EUR 328 588 miljun jew 142.8 fil-mija tal-PDG. Meta mqabbel mal-2009, id-dejn żdied b'EUR 29 882 miljun, għalhekk, taħt il-limitu massimu stabbilit mill-Kunsill.

### 3.2. L-ewwel kwart tal-2011

Fl-ewwel kwart tal-2011, il-kriterju tal-prestazzjoni trimestrali għall-infiq primarju tal-Istat, kif ippubblikat fil-MPEF u MtF kien rispettat. L-eżitu kien ta' EUR 13.5 biljuni fejn il-limitu massimu kien EUR 15-il biljun. Għandu jiġi nnotat li, meta mqabbel ma' trimestri preċedenti, li matulhom il-limitu massimu għall-infiq primarju tal-istat kien definit abbażi tal-pagamenti, id-dejta issa tinkludi bidla fis-sitwazzjoni tal-arretrati li għandu jagħti l-istat. Skont l-informazzjoni disponibbli, l-ammont ta' arretrati li għandu jagħti l-istat fl-aħħar tal-ewwel trimestru tal-2011 huwa ta' aktar minn EUR 1.1 biljuni (meta mqabbel ma' 0.9 biljuni fl-aħħar tal-2010)[13].

Matul l-istess perjodu, id-defiċit primarju tal-amministrazzjoni pubblika (immodifikat) laħaq EUR 806 miljuni, fejn il-limitu massimu huwa EUR 2 biljuni. Din kienet ukoll l-ewwel darba li dan il-kriterju qies l-akkumulazzjoni tal-arretrati.

It-tabelli 1 u 2 fihom informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-baġit bejn Jannar u Marzu 2011, u fih ukoll xi dejta għal Mejju 2011.

12 'Il-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja - It-Tielet Analiżi,' *L-Ekonomija Ewropea - Dokumenti Okkazzjonali Nru 77* (Frar 2011).

13 Hemm ukoll arretrati f'livell oħra tal-gvern, bħall-gvernijiet lokali jew l-isptarijiet, li għadhom mhux qed jitqiesu fil-kriterji tal-prestazzjoni trimestrali.

**Tabella 1: Implimentazzjoni tal-baġit**
**(Jannar - Marzu 2011)**

| | 2010 | 2011 | | |
|---|---|---|---|---|
| *abbażi ta' pagamenti (miljuni ta' EUR)* | **Jannar - Marzu** | | **Bidla % Jannar - Marzu** | **Bidla % fil-baġit** |
| **Dħul totali** | **12 362** | **11 732** | **-5.1** | **8.5** |
| Dħul qabel ir-rifużjonijiet | 13 141 | 11 931 | -9.2 | 5.6 |
| Rifużjonijiet tat-taxxa | 1 057 | 825 | -21.9 | -23.7 |
| Dħul kapitali | 275 | 609 | 121.5 | 27.7 |
| Spejjeż tan-NATO | 3 | 17 | | |
| **Nefqa totali** | **16 732** | **16 435** | **-1.8** | **6.6** |
| Nefqa primarja | 12 373 | 12 086 | -2.3 | 1.9 |
| Dejn passat tal-isptarijiet | - | 375 | | |
| Pagamenti militari u tan-NATO | - | 50 | | |
| Garanziji msejħa (mhux tal-amministarzzjoni pubblika) | 46 | 10 | -78.3 | 0.0 |
| Imgħax | 2 797 | 3 237 | 15.7 | 20.4 |
| Nefqa kapitali | 1 516 | 677 | -55.3 | 0.6 |
| **Bilanċ tal-baġit tal-Istat** | **-4 370** | **-4 703** | **7.6** | **-3.9** |
| Bidla fl-arretrati | - | **263** | - | **-** |
| **Infiq primarju tal-Istat** | **13 935** | **13 461** | **-3.4** | **-** |
| Bilanċ tal-gvernijiet lokali (*) | **-** | **191** | **-** | **-** |
| Bilanċ tas-sigurtà soċjali (*) | **-** | **605** | **-** | **-** |
| Oħrajn | **-** | **-9** | **-** | **-** |
| **Bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika (immodifikat)** | **-** | **-4 179** | **-** | **-** |
| **Bilanċ primarju tal-amministrazzjoni pubblika (immodifikat) (**)** | **-** | **-806** | **-** | **-** |

*Sors*: Uffiċċju Ġenerali tal-Kontabbiltà, il-Ministeru tal-Finanzi tal-Greċja u kalkoli proprji.
(*) Abbażi tal-istatistika bankarja tal-Bank tal-Greċja.
(**) B'esklużjoni tal-intrapriżi tal-Istat u l-biċċa l-kbira tal-fondi ekstrabaġitarji.

**Tabella 2: Implimentazzjoni tal-baġit**
**(Jannar - Mejju 2011)**

| *abbażi ta' pagamenti (miljuni ta' EUR)* | 2010 | 2011 | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Jannar - Mejju** | | **Bidla f'% Jannar - Mejju** | **Bidla % fil-baġit** |
| **Dħul totali** | **20 069** | **19 019** | **-5.2** | **8.5** |
| Dħul qabel ir-rifużjonijiet | 21 508 | 20574 | -4.3 | 5.6 |
| Rifużjonijiet tat-taxxa | 1 751 | 2 234 | 27.6 | -23.7 |
| Dħul kapitali | 309 | 661 | 113.9 | 27.7 |
| Spejjeż tan-NATO | 3 | 18 | | |
| **Nefqa totali** | **29 169** | **29 293** | **0.4** | **6.6** |
| Nefqa primarja | 20 418 | 21 292 | 4.3 | **1.9** |
| Dejn passat tal-isptarijiet | - | 375 | - | |
| Pagamenti militari u tan-NATO | 68 | 66 | - | |
| Garanziji msejħa (mhux tal-amministarzzjoni pubblika) | 56 | 15 | -73.2 | **0.0** |
| Imgħax | 5 397 | 5 844 | 8.3 | **20.4** |
| Nefqa kapitali | 3 230 | 1 701 | -47.3 | **0.6** |
| **Bilanċ tal-baġit tal-Istat** | **- 9 100** | **-10 274** | **12.9** | **-3.9** |
| **Infiq primarju tal-Istat** | **23 772** | **23 449** | **-1.4** | |

*Sors*: Uffiċċju Ġenerali tal-Kontabbiltà, il-Ministeru tal-Finanzi tal-Greċja u kalkoli proprji

## 4. PROSPETTI GĦALL-2011 U 2012-14

Skont il-projezzjonijiet tal-persunal tal-Kummissjoni, l-FMI u BĊE fil-kuntest tar-raba' missjoni ta' reviżjoni tal-programm tal-aġġustament ekonomiku (Mejju 2010), id-defiċit fl-2011 ser ikun ta' aktar minn 10 fil-mija tal-PDG jekk ma jiġux adottati miżuri ulterjuri. Dan ifisser differenza fiskali ta' kważi 3 fil-mija tal-PDG aktar mil-limitu massimu għad-defiċit ta' 7½ fil-mija tal-PDG[14]. Kien hemm ukoll differenzi kbar ħafna mill-2012 sal-2014: 5 fil-mija għall-2012, 7 fil-mija għall-2013 u kważi 10 fil-mija għall-2014.

Din id-differenza kienet l-aktar minħabba tnaqqis sinifikanti fid-dħul, dħul diżappuntanti mit-taxxa, u dewmien fl-implimentazzjoni ta' miżuri fiskali fil-baġit tal-2011, kif ukoll effett fil-bażi mill-eżiti fiskali agħar mill-mistenni fl-2010. Ukoll xi miżuri miftiehma qabel mal-Kummissjoni, u inklużi fil-baġit għall-2011 mhumiex qed jiġu implimentati (eż. l-ekwilizzazzjoni fit-tassazzjoni taż-żejt tat-tisħin u d-diżil għall-użi tat-trasport). Ir-riċessjoni tidher li kienet agħar u itwal milli pprojjettat s'issa. Fl-2010 l-attività ekonomika ċkienet bi 4½ fil-mija, daqsxejn aktar milli pprojjettat fil-bidu tal-programm u r-reviżjonijiet sussegwenti. Għall-2011, il-projezzjoni attwali tas-servizzi tal-Kummissjoni hija ta' li l-PDG reali ser jiċkien bi 3.8 fil-mija meta mqabbel mat-2.5% fil-programm inizjali.

Skont il-liġi tal-baġit organika Griega, il-gvern huwa meħtieġ jipprepara l-istrateġija fiskali għat-tul medju ta' żmien għas-snin 2012-15. Fil-kuntest ta' din l-istrateġija, il-gvern Grieg

[14] Fir-reviżjoni preċedenti tal-prgramm tal-aġġustament, is-servizzi tal-Kummissjoni kienu diġà identifikaw differenza ta' mill-anqas ¾ fil-mija tal-PDG.

ħabbar l-adozzjoni ta' miżuri fiskali addizzjonali għall-2011-2015 bil-għan li jnaqqas id-deficit matul dak il-perjodu. Dawn il-miżuri huma kkaratterizzati minn livelli differenti ta' riskji ta' implimentazzjoni. Fl-2011 u 2012, dan ir-riskju huwa komparattivament baxx peress li d-dħul mit-titjib fl-infruzar tat-taxxa ma tqiesx u l-biċċa l-kbira tal-konsolidazzjoni ġejja mit-twessiegħ tal-bażijiet tat-taxxa u ż-żidiet fir-rati tat-taxxa (EUR 3.1 biljun fl-2011) u tnaqqis fil-kont tas-salarji fis-settur pubbliku u fl-infiq soċjali (it-tnaqqis fl-infiq jammonta għal EUR 3.4 biljuni fl-2011).

Il-miżuri addizzjonali biex jiġi rispettat il-limitu massimu għall-2011 u l-istrateġija fiskali għat-tul medju ta' żmien (SFTMŻ) sal-2015 huma mistennija jinkludu dan li ġej (bħas-soltu, il-gvern Grieg ikkommetta li jiddiskuti mal-Kummissjoni, il-BĊE u l-FMI, fil-każ li jkunu hemm ħtieġa li dawn il-miżuri jiġu riveduti):

– Tnaqqis fil-kont tas-salarji b'mill-inqas EUR 770 miljun sal-2011, u EUR 600 miljun fl-2012, EUR 448 miljun fl-2013, EUR 306 miljun fl-2014 u EUR 71 miljun fl-2015 addizzjonali, billi ma jiġux impjegati ħaddiema ġodda minflok dawk li jispiċċaw lil hinn mir-regola ta' reklutaġġ wieħed għal kull ħamsa li joħorġu (1 għal kull 10 fl-2011); żieda fis-siegħat ta' ħidma fil-ġimgħa għall-impjegati fis-settur pubbliku minn 37.5 għal 40 siegħa u tnaqqis fil-pagamenti tas-sahra; tnaqqis fl-għadd ta' kumitati u kunsill remunerati; tnaqqis fil-kumpensi addizjonali, benefiċċji u skemi tal-bonus oħra; tnaqqis fil-kuntratturi (50 fil-mija fl-2011 u 10 fil-mija oħra fl-2012 u 'l quddiem); friżar temporanju fl-avvanz awtomatiku; implimentazzjoni ta' sistema ġdida tar-remunerazzjoni; introduzzjoni ta' impjiegi parttime u liv bla ħlas fis-settur pubbliku; tnaqqis fl-għadd ta' ammissjonijiet fl-akkademji militari u tal-pulizija, it-trasferiment tal-persunal żejjed f'riżerva ta' ħaddiema mġallsa 60 fil-mija tal-paga bażika u tnaqqis fil-benefiċċju tal-prodottività ta' 50 fil-mija.

– Tnaqqis fl-infiq operazzjonali tal-istat b'mill-inqas EUR 190 miljun sal-2011, u EUR 92 miljun fl-2012, EUR 161 miljun fl-2013, EUR 323 miljun fl-2014 u EUR 370 miljun fl-2015 addizzjonali, permezz tal-implementazzjoni tal-akkwist-e għax-xiri pubbliku kollu; razzjonalizzazzjoni tal-infiq fl-enerġija mis-servizzi pubbliċi; tnaqqis fl-infiq għall-kiri b'konsegwenza ta' użu aktar effiċjenti tal-proprjetà pubblika; tnaqqis tal-infiq kollu fit-telekomunikazzjoni, abolizzjoni tad-distribuzzjoni bla ħlas tal-gazzetti; tnaqqis transversali fl-infiq operazzjonali fil-baġit ordinarju; implimentazzjoni ta' parametri referenzjarji fl-infiq pubbliku wara sena ta' tħaddim sħiħ tal-MIS għall-infiq tal-amministrazzjoni pubblika.

– Tnaqqis fl-ispejjeż tal-fondi ekstrabaġitarji u trasferiment lejn entitajiet oħra b'mill-anqas EUR 540 miljun fl-2011 u EUR 150 miljun fl-2012, EUR 200 miljun fl-2013, EUR 200 miljun fl-2014 u EUR 150 miljun fl-2015, permezz tal-valutazzjoni tal-mandatt, il-fattibbiltà u l-ispejjeż tal-entitajiet issussidjati kollha mis-settur pubbliku, u l-fużjonijiet u l-għeluq tagħhom; fużjoni/l-għeluq u tnaqqis fis-sussidji lill-istituzzjonijiet edukattivi (skejjel, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja); tnaqqis fl-għotjiet mill-Istat lill-entitajiet barra l-amministrazzjoni pubblika u pjan ta' azzjoni għall-għeluq, il-fużjoni u t-tiċkin tal-entitajiet.

– Iffrankar fl-intrapriżi tal-istat b'mill-anqas EUR 414 miljun fl-2012, u EUR 329 miljun fl-2013, EUR 297 miljun fl-2014 u EUR 274 miljun fl-2015, permezz ta' żieda fid-dħul tal-OSE, l-OASA u intrapriżi oħra, l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ristrutturazzjoni u l-privatizzazzjoni fil-Hellenic Defence Systems, il-Hellenic Aeronautical Industry, il-Hellenic Horse Racing Corporation; il-bejgħ ta'

assi, tal-intrapriżi, li ma jkunux assoċjati mal-attivitajiet ewlenin; tnaqqis fl-ispejjeż tal-persunal; tnaqqis fl-ispejjeż operazzjonali u fużjonijiet u għeluq ta' intrapriżi.

– Tnaqqis fl-infiq operazzjonali relatat mad-difiża b'mill-inqas EUR 133 miljun fl-2013 u EUR 133 miljun oħra fl-2014, u EUR 134 miljun fl-2015, minn barra t-tnaqqis fl-akkwist ta' apparat militari (fornimenti) ta' EUR 830 miljun mill-2010 sal-2015.

– Tnaqqis fl-infiq fuq il-kura tas-saħħa u l-mediċini b'mill-inqas EUR 310 miljun sal-2011, u EUR 697 miljun fl-2012, EUR 349 miljun fl-2013, EUR 303 miljun fl-2014 u EUR 463 miljun fl-2015 addizzjonali, permezz tal-implementazzjoni tal-'pjan għas-saħħa' ġdidi u t-tnaqqis assoċjat fl-ispejjeż tal-isptarijiet; evalwazzjoni mill-ġdid tal-mandat u l-infiq tal-entitajiet kollha taħt superviżjoni apparti l-isptarijiet; l-implimentazzjoni ta' sistema ċentrali tal-akkwisti; tnaqqis tal-kost medju ta' kull każ permezz ta' maniġġ effiċjenti tal-każijiet (case mixing); tnaqqis fis-servizzi pprovduti lil dawk bla assigurazzjoni (funzjoni ta' kontroll tal-aċċess); introduzzjoni ta' imposti għal servizzi fornuti lil ċittadini barranin; l-operat tal-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Kura tas-Saħħa Primarja (EOPI); l-iskenjar mill-IKA tal-preskrizzjonijiet mediċi miktubin bl-idejn; l-estensjoni tal-lista ta' mediċini li ma għandhomx bżonn ta' preskrizzjoni; prezzijiet ġodda għall-mediċini; l-istabbiliment ta' prezz tal-assigurazzjoni mis-settur tas-sigurtà soċjali u l-implimentazzjoni sħiħa tal-preskrizzjonijiet-e.

– Tnaqqis fil-benefiċċji soċjali b'mill-inqas EUR 1 188 miljun fl-2011, u EUR 1 230 miljun fl-2012, EUR 1 025 miljun fl-2013, EUR 1,010 miljun fl-2014 u EUR 700 miljun fl-2015 addizzjonali, permezz ta' aġġustament fl-iskemi tal-pensjonijiet supplimentari u l-iffriżar sussegwenti sal-2015; iffriżar tal-pensjonijiet bażiċi; ir-riforma fis-sistema tal-pensjonijiet tad-diżabbiltà; ċensiment tal-pensjonanti u kontraverifika tad-dejta personali bl-implimentazzjoni sħiħa tan-numru tas-sigurtà soċjali u l-ogħla limitu fuq il-pensjonjiet; razzjonalizzazzjoni tal-kriterji għall-pensjonanti (EKAS); razzjonalizzazzjoni tal-benefiċċji u l-benefiċjarji tal-OEE-OEK u OAED; tnaqqis fis-somom li jitħallsu mal-irtirar; kontroverifika tad-dejta personali mill-introduzzjoni tal-limiti għal dawk li jħaddmu u li daħlu fl-iskemi tal-OAED; tnaqqis fil-pensjoni prinċipali tal-OGA u fil-limiti l-baxxi tal-pensjoni minn fondi oħra tas-sigurtà soċjali u l-issikkar tal-kriterji bbażati fuq ir-reżidenza permanenti; tnaqqis fl-infiq fuq il-benefiċċji soċjali permezz tal-kontroverifika tad-dejta; regolamentazzjoni uniformi tal-benefiċċji tas-saħħa għall-fondi kollha tas-sigurtà soċjali; kuntratti uniformi mal-isptarijiet privati u ċ-ċentri mediċi; analiżi tal-benefiċċji soċjali fi flus u in natura li twassal biex jitneħħa l-inqas effettiv; żieda fil-kontribuzzjoni speċjali tal-pensjonanti (il-Liġi 3863/2010) għall-pensjonanti li l-pensjoni ta' kull xahar tagħhom taqbeż EUR 1 700; żieda fil-kontribuzzjoni soċjali speċjali mħallsa mill-pensjonanti taħt is-60 sena b'pensjoni ta' kull xahar 'il fuq minn EUR 1 700; introduzzjoni ta' kontribuzzjoni speċjali ggradata għall-pensjonijiet supplimentari ogħla minn EUR 300 fix-xahar u tnaqqis fit-trasferimenti NAT (skema tal-pensjonijiet tal-baħħara) u l-iskema tal-pensjonijiet OTE u tnaqqis fil-pensjonijiet assoċjat.

– Tnaqqis f'infiq ieħor b'mill-inqas EUR 150 miljun sal-2011, u EUR 250 miljun fl-2012, EUR 175 miljun fl-2013, EUR 170 miljun fl-2014 u EUR 160 miljun fl-2015 addizzjonali, permezz ta' tnaqqis fl-ispejjeż tal-gvernijiet lokali ffinanzjati b'sussidji statali;

- Tnaqqis fin-nefqa mill-baġit tal-investiment pubbliku (investiment pubbliku ffinanzjati domestikament u għotjiet relatati mill-investiment) u l-ispejjeż amministrattivi assoċjati mal-Qafas ta' Referenza Strateġika Nazzjonali (ESPA) b'EUR 950 miljun fl-2011, li minnhom EUR 350 ser ikun permanenti u EUR 154 miljun oħra (spejjeż amministrattivi) fl-2012.

- Żieda fit-taxxi b'mill-inqas EUR 2017-il miljun fl-2011 u EUR 3 678 miljun fl-2012, EUR 156 miljun fl-2013 u EUR 685 miljun fl-2014 addizzjonali, permezz ta' żieda fir-rata tal-VAT fuq ir-restoranti u l-bars minn 13 għal 23 fil-mija minn Settembru 2011 'il quddiem; żieda fit-taxxa fuq il-proprjetà; tnaqqis fil-limitu tad-dħul mhux taxxabbli għal EUR 8 000 u l-istabbiliment ta' kontribuzzjoni progressiva ta' solidarjetà; żidiet fit-tassazzjoni preżuntiva u imposti fuq dawk li jaħdmu għar-rashom; tnaqqis fl-eżenzjonijiet/l-infiq fiskali; tibdiliet fis-sistema tat-taxxa għall-prodotti tat-tabakk, bi ħlas aċċellerat tad-dazju tas-sisa u fl-istruttura tat-taxxa; sisa fuq il-luminati; sisa fuq il-gass u l-gass likwifikat; abolozzjoni tal-vantaġġ fiskali fuq iż-żejt tat-tisħin (għall-intrapriżi minn Ottubru 2011 'il hemm, u progressivament għall-unitajiet domestiċi minn Ottubru 2011 sa Ottubru 2013); żieda fit-taxxa fuq il-vetturi; kontribuzzjonijiet ta' emerġenza fuq il-vetturi, il-muturi u l-pixxini; multi ogħla fuq bini mhux awtorizzat u soluzzjoni għall-każijiet ta' ksur fl-ippjanar; tassazzjoni fuq id-dgħajjes u l-jotts privati; imposta speċjali fuq proprjetà immobbli ta' valur għoli; imposta speċjali fuq l-ispazji tat-tipjip.

- Titjib fil-konformità tat-taxxa b'mill-inqas EUR 878 miljun fl-2013, u EUR 975 miljun fl-2014 u EUR 1147 miljun fl-2015 addizzjonali.

- Żidiet fil-ġbir tal-kontribuzzjonijiet soċjali b'mill-inqas EUR 629 miljun fl-2011 u EUR 259 miljun fl-2012, EUR 714 miljun fl-2013, EUR 1 139 miljun fl-2014 u EUR 504 fl-2015, permezz tal-implimentazzjoni sħiħa ta' sistema waħda unifikata tas-salarji u l-metodu tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni; żieda fir-rati tal-kontribuzzjonijiet għall-benefiċjarji tal-OGA u l-ETAA; stabbiliment ta' fond ta' solidarjetà tal-benefiċjarji tal-OAEE; aġġustament fil-kontribuzzjonijiet tal-qgħad għall-impjegati fis-settur privat; l-introduzzjoni tal-kontribuzzjoni tal-qgħad għal min jaħdem għar-rasu; u kontribuzzjoni għal qgħad imħallsa mill-impjegati fis-settur pubbliku, inklużi l-intrapriżi tal-istat, il-gvernijiet lokali u entitajiet pubbliċi oħra.

- Żieda fid-dħul tal-gvern lokali b'mill-anqas EUR 105 miljun fl-2012 u EUR 170 miljuni fl-2013 u EUR 130 miljuni fl-2014 u EUR 145 miljun fl-2015, addizzjonali, permezz ta' żieda fid-dħul min-nolijiet, tariffi, drittijiet u sorsi oħra ta' dħul wara l-fużjoni tal-amministrazzjonijiet lokali; u żieda fil-konformità tat-taxxa lokali wara l-introduzzjoni tar-rekwiżit ta' ċertifikat tal-ħlas tat-taxxa lokali.

## 5. PROGRESS BIR-RIFORMI STRUTTURALI

Qiegħed isir progress fir-riformi strutturali fiskali, għalkemm f'xi każijiet kien kajman aktar milli ppjanat. Ir-riformi fil-qasam tal-amministrazzjoni tat-taxxa qiegħed iżidu l-momentum b'diversi azzjonijiet fis-seħħ. L-azzjoni meħuda s'issa mill-gvern tikkonċerna l-aktar il-leġiżlazzjoni biex jitjiebu l-effiċjenza u l-kontrolli tal-amministrazzjoni tat-taxxa, l-istabbiliment ta' proġett effettiv ta' arranġament maniġerjali u l-implimentazzjoni ta' strateġija kontra l-evażjoni ħalli tiġi restawrata d-dixxiplina fiskali u titjieb il-konformità. Il-liġi

rilevanti, adottata mill-Parlament f'Marzu 2011 hija parti minn strateġija usa' fuq tliet snin kontra l-evażjoni tat-taxxa.

Riformi baġitarji istituzzjonali qiegħed jagħmlu progress bl-istabbiliment tal-Uffiċċju Parlamentari tal-Baġit u l-ħatra tal-kap u l-persunal tiegħu, kif ukoll ir-riorganizzazzjoni tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Kontabbiltà. Sar ukoll progress fil-forniment f'waqtu tad-dejta fiskali, għalkemm il-kwalità u l-ambitu jeħtieġ li jitjiebu aktar. L-immaniġġjar fiskali mil-lat tal-infiq tal-baġit ukoll jeħtieġ li jitjieb, partikolarment fir-rigward tar-reġistru tal-impenji f'kull ministeru u fl-entitajiet l-oħra li mhumiex tal-istat. Filwaqt li l-pubblikazzjoni tad-dejta fuq l-arretrati tnediet, huwa meħtieġ titjib fl-ambitu u l-kopertura tas-sett tad-dejta.

Sar progress fir-riforma tal-kura tas-saħħa – l-ewwel pakkett ta' riformi ġie adottat f'nofs Frar 2011 u l-implimentazzjoni tiegħu għadha għaddejja, fosthom it-tħaddim tal-bażi tad-dejta ESY.NET, li tiżgura d-disponibbiltà tad-dejta tad-dħul u l-infiq għal biċċa l-kbira tal-isptarijiet. Madankollu, għadd ta' miżuri fiskali strutturali ġew ittardjati, fosthom is-simplifikazzjoni tas-sistema tar-remunerazzjoni mis-settur pubbliku u li l-Awtorità Unika tal-Pagamenti (SPA) tibda taħdem bis-sħiħ. Għalkemm xi ftit tard, il-preparazzjoni għall-analiżi funzjonali tal-amministrazzjoni ċentrali u l-programmi soċjali wkoll qiegħda tagħmel progress.

## 6. PRIVATIZZAZZJONI

Ġew miftehma passi importanti sabiex jissaħħaħ u jiġi aċċellerat il-programm tal-privatizzazzjoni. Il-gvern Grieg huwa wieħed mis-sovrani Ewropew li għandhom portafoll mill-aktar sinjur fl-assi. Dan il-portafoll jinkludi kumpaniji elenkati u oħra li mhumiex, konċessjonijiet u proprjetà immobbli: bini u art kummerċjalment vijabbli. Il-biċċa l-kbira minn dawn l-assi ma pprovdewx dħul relevanti; intrapriżi tal-istat li jagħmlu telf fil-fatt kienu sors ta' spejjeż li jġorru l-kontribwenti. Il-privatizzazzjoni ta' dawn l-assi ser tikkontribwixxi fit-tnaqqis tal-karta tal-bilanċ tal-gvern bi ftit li xejn spejjeż f'termini ta' dħul futur u tista' fil-fatt tnaqqas l-ispejjeż. Fl-istess ħin, il-privatizzazzjoni tippromwovi l-attività ekonomika u l-investiment barrani dirett. Il-gvern identifika assi ewlenin li għandhom jiġu pprivatizzati (għad fadal xogħol xi jsir biex jiġu stabbiliti portafolli tal-proprjetà immobbli għall-privatizzazzjoni) u kien miftiehem kalendarju proviżorju għall-privatizzazzjoni. Sabiex titħaffef il-proċedura u tiġi żgurata l-irriversibbiltà tal-proċess kollu, qiegħda titħejja governanza xierqa: fond tal-privatizzazzjoni mmaniġġjat minn bord indipendenti u professjonali ser jitwaqqaf dalwaqt. Il-Kummissjoni u l-Grupp tal-Euro ser ikollhom id-dritt jappuntaw osservatur kull wieħed fuq il-bord.

L-aderenza mal-konsolidazzjoni fiskali u l-pjanijiet tal-privatizzazzjoni ser tikkontribwixxi biex il-proporzjon tad-dejn mal-PDG tal-gvern jinġieb fuq perkors sostenibbli. Għalkemm il-Greċja ser ikollha żżomm l-awsterità fiskali u t-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn ser jieħu ħafna snin, l-inflessjoni fil-propozjon tad-dejn mal-PDG għandha tikkontribwixxi biex titjieb il-fiduċja tas-suq fl-ekonomika Griega.

## 7. KONKLUŻJONI

Il-limitu tad-defiċit (abbażi tal-ESA95) tal-gvern għall-2010 stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill inqabeż. Madankollu, fl-2010 il-proporzjon tad-defiċit waqa' bi kważi 5 punti meta pparagunat mal-2009. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern żdied minn 127.1 fil-mija tal-PDG fi tmiem l-2009 għal 142.8 fil-mija fl-2010.

Fl-2011 teħtieġ aktar azzjoni sabiex jinżamm il-limitu tad-defiċit. Għalhekk, il-gvern elabora sett ta' miżuri b'saħħithom li ser inaqqsu d-defiċit fis-snin sussegwenti. Fil-kuntest tal-istrateġija fiskali fuq tul medju ta' żmien, ġew identifikati miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali permanenti ta' madwar 10 fil-mija tal-PDG, ħalli jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri tad-defiċit sal-2014 u li l-proporzjon tad-dejn mal-PDG jitqiegħed fuq perkors 'l isfel sostenibbli. Pjan akbar ta' privatizzazzjoni huma mistenni li jnaqqas il-proporzjon tad-dejn bi kważi 20 punt perċentwali tal-PDG fi żmien ħames snin.

Kollox ma' kollox, minkejja ż-żelqa fiskali fl-2010, il-Greċja qiegħda tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex timplimenta l-politiki neċessarji u tibqa' fid-direzzjoni t-tajba, bil-mira li d-defiċit eċċessiv jispiċċa sal-2014, kif meħtieġ mid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

## ANNESS I: MIŻURI MEĦTIEĠA MID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL, LI JRIDU JIĠU ADOTTATI SAL-AĦĦAR TA' MARZU 2011.

| Miżuri (kif meħtieġa mil-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill) | Stat ta' progress |
|---|---|
| "Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Marzu 2011: | |
| (a) (abrogata) | -- |
| (b) pubblikazzjoni ta' projezzjonijiet komprensivi li jifirxu fuq medda twila ta' żmien tan-nefqa fuq il-pensjonijiet sal-2060 kif stabbilit fir-riforma leġiżlattiva ta' Lulju 2010. Il-projezzjonijiet għandhom jinkludu l-iskemi (awżiljari) supplementarji, abbażi ta' sett komprensiv ta' dejta miġbura u elaborata mill-Awtorità Attwarjali Nazzjonali. Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika għandu jagħmel analiżi inter pares u jivvalida l-projezzjonijiet; | **Osservati parzjalment**. Il-projezzjonijiet fuq perjodu twil ta' żmien imressqa mill-Awtorità Attwarjali Nazzjonali jkopru l-erba' fondi ewlenin tal-pensjonijiet, li jgħoddu għal nefqa ta' 9.4 fil-mija tal-PDG fl-2009 jew 2/3 tan-nefqa totali fuq il-pensjonijiet ta' dik is-sena, 93 fil-mija tal-popolazzjoni attiva u assigurata kollha u 93 fil-mija tal-pensjonanti kollha fil-Greċja. Il-projezzjonijiet disponibbli ma jkoprux il-fondi awżiljari kollha, il-fondi tal-benessri, xi ftit fondi ta' korporazzjonijiet pubbliċi u l-fond tal-baħar. |
| (c) il-gvern iħallas kompletament l-arretrati akkumulati fl-2010 u jnaqqas dawk tas-snin preċedenti; | **Mhux osservata.** L-infiq sakemm isir il-ħlas lill-fornituri u lil hinn mid-data dovuta tiegħu żdied fl-ewwel trimestru tal-2011. Id-dejta pprovduta mill-Ministeru Grieg tal-Finanzi tindika li l-arretrati fl-aħħar ta' Marzu 2011 jammontaw għal EUR 1.1 biljuni għall-Istat; Din hija żieda ta' mill-anqas EUR 263 miljun mill-aħħar ta' Diċembru. Hemm ukoll arretrati f'livell oħra tal-gvern, bħall-gvernijiet lokali jew l-isptarijiet, li għadhom mhux qed jitqiesu fil-kriterji tal-prestazzjoni trimestrali. Għall-gvern kollu l-arretrati fl-aħħar ta' Marzu 2011 jammontaw għal EUR 6 biljuni. |
| (d) pjan ta' strateġija baġitarja fuq perjodu ta' żmien medju li jidentifika miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali permanenti ta' għall-inqas 8 % tal-PDG (li minnhom x'uħud diġà ġew identifikati f'Mejju 2010), flimkien ma' riżerva kontinġenti, li se jiżguraw il-kisba tal-miri tad-defiċit sal-2014, u li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jibda jonqos b'mod sostenibbli. Il-pjan tal-istrateġija se jiġi ppubblikat għall-konsultazzjoni pubblika qabel tmiem Marzu. Il-pjan ta' strateġija fuq perjodu ta' żmien medju jinkludi, b'mod partikolari : tbassir makroekonomiku prudenzjali; projezzjonijiet ta' bażi tad-dħul u n-nefqa tal-istat u tal-entitajiet l-oħra tal-gvern; deskrizzjoni ta' miżuri fiskali permanenti, l-iskedar u l-ikkwantifikar tagħhom; il-limiti massimi tal-infiq annwali għal kull ministeru u l-miri fiskali għal kull entità oħra tal-gvern sal-2014; projezzjonijiet għal wara l-miżuri fiskali għall-amministrazzjoni pubblika f'konformità mal-miri tad-defiċit u d-dejn; projezzjonijiet tad-dejn aktar fit-tul ibbażati fuq projezzjonijiet makroekonomiċi prudenti, bilanċi pożittivi primarji stabbli mill-2014 'il hemm; u pjanijiet ta' privatizzazzjoni. Il-pjan ta' strateġija fuq perjodu ta' żmien medju se jkun elaborat bir-riformi li għaddejjin bħalissa fil-kura tas-saħħa u fil-pensjonijiet u bi pjanijiet settorjali speċifiċi. Il-pjanijiet settorjali (bl-abbozzi tal- | **Għadu mhux osservat.** L-istrateġija fiskali fuq perjodu medju ta' żmien issa mistennija tiġi adottata sal-aħħar ta' Ġunju 2011. |

MT MT

| | |
|---|---|
| pjanijiet li se jkunu disponibbi sa tmiem Marzu) se jkopru b'mod partikolari: ir-riformi fil-politika fiskali; l-intrapriżi tal-istat; il-fondi li jaqgħu barra l-baġit (l-entitajiet legali tas-settur pubbliku u l-kontijiet allokati); in-nefqa għas-salarji pubbliċi; u l-amministrazzjoni pubblika; in-nefqa soċjali; l-investiment pubbliku u n-nefqa militari. Kull pjan settorjali se jkun immaniġġjat minn taskforces interministerjali; | |
| (e) pjan kontra l-evażjoni li jinkludi indikaturi kwantitattivi tal-prestazzjoni biex l-amministrazzjoni fiskali tinżamm responsabbli; leġiżlazzjoni li tissimplifika l-proċessi tat-tilwim amministrattiv fiskali u l-proċessi ta' appell ġudizzjarju u l-atti u l-proċeduri meħtieġa sabiex ikunu indirizzati aħjar il-kondotta ħażina, il-korruzzjoni u l-prestazzjoni ħażina tal-uffiċjali fiskali, inkluża l-prosekuzzjoni f'każijiet ta' ksur ta' dover; u l-pubblikazzjoni ta' rapporti ta' kull xahar tal-ħames taskforces kontra l-evażjoni, inkluż sett ta' indikaturi dwar il-progress; | **Osservati parzjalment.** It-test finali tal-liġi kif adottat mill-Parlament ġie emendat b'mod sinifikattiv, meta mqabbel mal-abbozz diskuss preċedentement mas-servizzi tal-Kummissjoni. Xi elementi fl-abbozz inizjali, bħall-metodi indiretti ta' awditjar tħallew barra l-liġi. |
| (f) pjan ta' azzjoni dettaljat bi skeda li jlesti u jimplimenta s-sistema simplifikata ta' remunerazzjoni; preparazzjoni ta' pjan fuq perjodu medju ta' żmien għar-riżorsi umani għall-perjodu sal-2013 f'konformità mar-regola ta' reklutaġġ 1 għal kull 5 ħaddiema li jitilqu, li jispeċifika wkoll pjanijiet għall-allokazzjoni mill-ġdid f'oqsma prijoritarji ta' persunal kwalifikat; u l-pubblikazzjoni ta' dejta kull xahar dwar il-movimenti tal-persunal (ġodda, dawk li spiċċaw, trasferimenti bejn l-entitajiet) fil-bosta dipartimenti tal-gvern; | **Osservati parzjalment.**<br>Hemm rapport li jiddeskrivi s-sitwazzjoni f'relazzjoni mal-impjieg pubbliku u s-salarji pubbliċi. Madankollu, dan ir-rapport ma fihx alternattivi politiki ta' skedar għas-simplifikazzjoni tas-sistemi ta' remunerazzjoni. |
| (g) l-implimentazzjoni tar-riforma komprensiva tas-sistema tal-kura tas-saħħa bdiet fl-2010 bil-għan li n-nefqa pubblika fuq is-saħħa pubblika tinżamm għal 6% tal-PDG jew anqas; miżuri li jrendu ffrankar fuq il-mediċini ta' mill-inqas EUR 2 biljun meta mqabbel mal-livell għall-2010, li minnhom mill-inqas EUR 1 biljun huma tal-2011; titjib fis-sistemi ta' kontabbiltà u fatturazzjoni tal-isptarijiet permezz ta': finalizzazzjoni tal-introduzzjoni ta' sistemi ta' kontabbiltà abbażi tad-dovuti b'entrati doppji korrispondenti fl-isptarijiet kollha; l-użu ta' sistema ta' kodiċi uniformi u reġistru komuni għall-provvisti tal-mediċina; il-kalkolu tal-istokkijiet u l-flussi tal-provvisti tal-mediċina fl-isptarijiet kollha bl-użu ta' sistema ta' kodiċi uniformi għall-provvisti tal-mediċina; u l-fatturazzjoni fil-ħin tal-ispejjeż tal-kura (mhux aktar tard minn xahrejn) lill-fondi tas-sigurtà soċjali tal-Greċja, lil Stat Membri oħra u lill-assiguraturi privati tas-saħħa; u l-iżgurar li mill-inqas 50 % mill-volum tal-mediċini użati mill-isptarijiet pubbliċi sa tmiem l-2011 ikun ikkostitwit minn ġeneriċi u mediċini mhux protetti bit-trejdmark billi isir obbligatorju għall-isptarijiet pubbliċi kollha li jakkwistaw prodotti farmaċewtiċi skont is-sustanza attiva; | **Osservati parzjalment.**<br>Il-Gvern għadda l-Liġi 3918/2011 dwar it-tibdiliet strutturali fis-sistema tal-kura tas-saħħa u dispożizzjonijiet oħra li jintroduċu għadd ta' tibdiliet fis-sistema tal-governanza u fil-mod li bih jinxtraw u jiġu pprovduti xi servizzi (eż. sistemi tal-akkwist) u rregolati (eż. spiżeriji). Il-Liġi tgħaqqad ukoll il-funzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-akbar erba' fondi (IKA-ETAM, OGA, OPAD u OAEE) u toħloq l-Organizzazzjoni Nazzjonali tas-Servizzi tas-Saħħa (EOPYY) għax-xiri tas-servizzi tal-kura tas-saħħa għal dawk assigurati taħt dawn il-fondi.<br>Fi Frar 2011, madwar 20 sptar ma kellhomx sistemi tajba/moderni tal-ICT. Għall-oħrajn, il-Ministeru tas-Saħħa kien ħoloq pjattaform tal-internet ESY.net li taġixxi ta' sistema li tintegra l-informazzjoni (finanzjarja, amministrattiva u dwar l-attività) mill-isptarijiet kollha. Din l-informazzjoni tinġabar kull xahar u tintbagħat lill-Ministeri tas-Saħħa u tal-Finanzi.<br>132 sptar issa bdew jużaw sistema ta' kontabbiltà abbażi tad-dovuti b'entrati doppji korrispondenti għall-infiq u d-dħul kull xahar. 119-il isptar ipproduċew karti tal-bilanċ għall-2009, u 121 għall-2010, iżda xi wħud ma għamlux hekk.<br>Fi Frar, EKEVYL u EPI ħolqu sistema komuni tal-kodiċi għall-ħażniet kollha tal-mediċina li għandha tintuża mill-isptarijiet NHS flimkien ma' pjattaforma |

| | |
|---|---|
| | tal-internet biex jiġu mmonitorjati t-talbiet mill-isptarijiet.<br>Il-proċess tal-modernizzazzjoni tas-sistema tal-ICT fid-dawl tas-sistemi totalment integrati u awtomatizzati jinsab għaddej.<br>F'Diċembru 2010 ċirkulari talbet rapport trimestrali (Ottubru-Diċembru 2010) tal-kostijiet tal-mediċini mill-isptarijiet kollha fosthom il-volum u l-kost bil-ġeneriċi. Ċirkulari oħra stipulat il-mira li jiżdied il-proporzjon tal-ġeneriċi fl-isptarijiet NHS għal 50 fil-mija sal-2011. Il-proporzjon tal-ġeneriċi sa issa huwa ta' 12.4 fil-mija tat-total. |
| (h) bl-għan li jkunu miġġielda l-ħela u l-immaniġjar ħażin fil-kumpaniji tal-Istat u biex jiġu frankati mill-inqas EUR 800 miljun fiskalment, att li: jnaqqas ir-remunerazzjoni primarja fl-intrapriżi pubbliċi b'mill-inqas 10% fil-livell tal-kumpaniji; jillimita r-remunerazzjoni sekondarja għal 10 % tar-remunerazzjoni primarja; jistabbilixxi limitu massimu ta' EUR 4,000 fix-xahar għad-dħul gross (12-il pagament fis-sena); iżid it-tariffi tat-trasport urban b'mill-inqas 30 %; azzjonijiet li jnaqqsu n-nefqa operattiva fil-kumpaniji pubbliċi b'bejn 15 u 25 %; u att għar-ristrutturazzjoni tal-OASA; | **Osservata.**<br>Il-Liġi 3920/2011 dwar ir-ristrutturazzjoni tal-OASA kienet adottata fit-22 ta' Frar 2011. |
| (i) qafas regolatorju ġdid li jiffaċilita l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' konċessjoni għall-ajruporti reġjonali; | **Osservata.**<br>Il-Liġi 3913/2011 kienet adottata fis-16 ta' Frar 2011. |
| (j) l-istabbiliment ta' taskforce indipendenti għall-politika tal-edukazzjoni li jkollha l-għan li żżid l-effiċjenza tas-sistema pubblika tal-edukazzjoni (edukazzjoni primarja, sekondarja u għolja) u li tagħmel użu iktar effiċjenti tar-riżorsi; | **Osservata.** |
| (k) l-adozzjoni ta' liġi għall-istabbiliment ta' Awtorità Unika għall-Akkwist Pubbliku f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni; u l-iżvilupp ta' pjattaforma tat-teknoliġija tal-informazzjoni għall-akkwist elettroniku u l-istabbiliment ta' stadji intermedji f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni, inkluż: l-ittestjar ta' verżjoni pilota, id-disponibbiltà tal-funzjonalitajiet kollha għall-kuntratti kollha u l-introduzzjoni f'fażijiet tal-użu mandatorju tas-sistema tal-akkwist elettroniku għall-kuntratti tal-provvisti, is-servizzi u x-xogħlijiet; | **Għadha għaddejja.**<br>L-abbozz tal-liġi dwar l-Awtorità Unika għall-Akkwist Pubbliku hija konformi mal-pjan ta' azzjoni miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Greċja f'Settembru 2010. Il-kuntratt għall-forniment ta' pjattaforma tal-akkwist-e għadu ma ġiex iffirmat. |
| (l) att li jispeċifika il-kwalifikazzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-uffiċjali tal-kontabbiltà li għandhom jinħatru fil-ministeri relevanti u fl-entitajiet tal-gvern prinċipali kollha bir-responsabbiltà li jiżguraw kontrolli finanzjarji affidabbli; il-ħatra tal-uffiċjali tal-kontabbiltà; u t-tħaffif fil-proċess tal-istabbiliment ta' reġistri ta' impenn u reġistri operazzjonali li jkopru l-amministrazzjoni pubblika kollha (minbarra l-iżgħar entitajiet). | **Osservati parzjalment.**<br>Ġew appuntati l-uffiċjali tal-kontabbiltà finanzjarja iżda għadhom mhumiex operazzjonali għal kollox. Ir-reġistri tal-impennji għadhom mhumiex operazzjonali fl-entitajiet tal-gvern kollha. |